PDF Compressor Pro



# GĦAWDEX

# X'għadda minn għalina



minn
**Charles Spiteri**



*Mix-xellug għal-lemin jidhru Patri Pietru Pawl Cachia, Agostinjan, mir-Rabat, Għawdex, Mons. Isqof Mario Grech u l-Kanonku Simon Godfrey*

## Servizz Ekumeniku

Matul l-Ottava ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara, il-Leġjun ta' Marija t'Għawdex żamm ċelebrazzjoni ekumenika fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria. F'isem il-Komunità Agostinjana, Patri Pietru Pawl Cachia OSA, laqgħa lil dawk preżenti fosthom lill-E. T. Mons. Mario Grech Isqof t'Għawdex, u lill-Kanċellier tal-Kattidral Anglikan ta' San Pawl tal-Belt, il-Kanonku Simon Godfrey.

Dawn it-tnejn taw messaġġi tal-okkażjoni, l-Isqof Grech jinsisti dwar l-Evanġelizazzjoni billi l-Insara jxerrdu t-tagħlim tal-Evanġelju ma' kulħadd, waqt li l-Kanonku Godfrey qal li l-għaqda tista' tiġi b'edukazzjoni vera nisranija u bit-talb.

Tessa Bicker, Carole McLaren, Judith Pugh u Jacqui Vassallo qraw siltiet rilevanti mill-Bibbja u taw esperjenza mqanqla u vera dwar il-fidi. Intqalu talb għall-maħfra, għall-interċessjoni, ta' tifħir u ringrazzjament u l-Missierna. Il-Chorus Urbanus taħt it-tmexxija ta' Mro Dr John Galea ferraħ l-udjenza bl-innijiet sbieħ li kantaw, fosthom ta' San Franġisk *Mulej għamilni strument tal-Paċi tiegħek.* Wara kulħadd ġie mistieden għal trattament żgħir fil-Kunvent ta' Santu Wistin.



*Uħud mir-residenti barranin preżenti għaċ-ċelebrazzjoni ekumenika*



*Mons Alfred Xuereb (xellug) waqt iż-żjara li għamel fil-Mużew tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ*

## Mons Alfred Xuereb iżur is-sit ta' proġett ta' mużew fil-Belt Victoria

Mons Alfred Xuereb, segretarju personali tal-Papa Benedittu XVI, qabel ma ħalla Għawdex lura lejn Ruma, fejn kien għal żjara qasira sabiex iżur lill-għażiża ommu u lil ħutu, għamel żjara uffiċjali lis-sit tal-proġett *Il-Ħaġar: The Making of a People*, li l-Fondazzjoni Belt Victoria qed twettaq bħalissa għall-bini ta' mużew storiku u ċentru kulturali fil-qalba tal-belt il-qadima ta' Għawdex.

Il-mużew il-ġdid qed joħloq antiċipazzjoni kbira billi sa jintroduċi kunċett ġdid ta' interpretazzjoni multimedjali u interattiva tal-istorja tat-tiswir soċjali, kulturali u fuq kollox reliġjuż tal-poplu ta' Għawdex.

Il-Kordinatur tal-Proġett Mons. Ġużeppi Farrugia spjega lil Mons Xuereb x'sar sa issa mill-proġett kollu u t-tamiet għall-futur.

Anki jekk ta' natura kulturali, dan il-proġett għandu wkoll utilità pastorali kbira, għax jista' jkun għodda kbira ta' evanġelizzazzjoni, billi l-istorja ta' Għawdex hi neċessarjament waħda Kristjana.

F'dan is-sens, il-mużew il-ġdid sa jkollu rwol doppju: dak li jservi ta' tappa importanti fl-itinerarju ta' dawk kollha li tinteressahom l-istorja tal-gżira, kif ukoll, f'sens iktar strett, bħala mużew tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li tagħha sa jkunu bosta esebiti importanti f'dan il-mużew.

## Attività sportiva f'Sannat

Il-Kunsill Lokali ta' Sannat organizza attività sportiva li kienet tikkonsisti f'*'bike race'* b'tul ta' 20km, kif ukoll tiġrija ta' 10km għall-atleti Maltin u Għawdxin.

Filwaqt li ġew imqassma diversi trofej għall-kategoriji differenti, l-atleti kollha li pparteċipaw f'din l-attività ngħataw ukoll medalja kommemorattiva. L-isponsor ewlieni ta' din l-attività kien Peter Lovewell.

Waqt l-attività tkellem is-Sindku Philip Vella li qal li din l-attività kienet opportunità li fiha rat diversi atleti jipparteċipaw fl-isport favorit tagħhom b'mod kompetittiv u kienet waħda li sservi ta' inkoraġġament biex tħeġġeġ aktar nies, kbar u żgħar, biex jipparteċipaw fl-isport. Filwaqt li ħeġġeġ aktar ġenituri biex jibagħtu lil uliedhom għall-attivitajiet simili, emfasizza fuq l-importanza li għandu l-isport fuq is-saħħa mentali u fiżika.



*Jaclyn Magrin tiġi ppreżentata bit-trofew minn Peter Lovewell*



*Uħud mill-atleti li ħadu sehem fl-attività sportiva*

### Riżultati:

**Ċiklisti**

Domenic Cutajar ġie fl-ewwel post waqt li Joseph Vella u Silvio Grima ġew fit-tieni u t-tielet post rispettivament

**L-irġiel rebbieħa fil-ġiri kienu:**

Antoine Abela li ġie fl-ewwel post. Daniel Pace u Frankie Muscat fit-tieni u t-tielet post rispettivament.

Jaclyn Magrin ġiet l-ewwel fit-tiġrija tal-atleti nisa. Waqt li Miriam Camilleri u Stephanie Buhagiar ġew fit-tieni u t-tielet post.